MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2008

Numru. 267/2002

**Il-Pulizija**
**(Supt Nicholas Ciappara)**

**versus**

**Massimo Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Massimo Caruana ta' 22 sena iben Edwin u Anna nee' Bezzina, mwieled Attard fit-23 ta' Jannar 1980 u residenti 69A, Old Mint Street Valletta, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 91880(M).

(a) Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-21 ta' Novembru 1998 u x-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

(b) Ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Ukoll talli sar riċediv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 5 ta' Ġunju 1997, Awla 15.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-5 ta' April 1999, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 918/1980, il-fedina penali ta' l-

imputat u l-proces verbal redatt mill-Maġistrat Antonio Micallef Trigona tat-22 ta' Novembru 1998 a fol 20.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Il-prosekuzzjoni qed tibbaża l-każ tagħha fuq dak li stqarr bil-ġurament Joseph Christie quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. Dan il-proces verbal (li qiegħed a fol 18) ġie esebit fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2004.

Skond din ix-xhieda, Joseph Christie u ċertu Jason kienu xtraw l-eroina mingħand l-imputat u persuna oħra fil-21 ta' Novembru 1998. Jason kien tahom Lm20.

Wara l-imputat kien waddab biċċa tissue mill-karozza li kien fiha l-eroina (fol 24). Joseph Christie fl-istqarrija kompla jgħid li 'dan l-aħħar' dejjem xtrawha mingħand Roy jew l-imputat (fol 25).

Il-prosekuzzjoni tellgħu jixhdu wkoll lil William Mercieca u lil Jason Caruana. William Mercieca nnega li kien iltaqa' ma' l-imputat ftit jiem qabel hu (jiġifieri William Mercieca) kien arrestat. Min-naħa l-oħra Jason Caruana sempliċiment qal li kien jaf lill-imputat għaliex l-imputat kien mill-Belt.

Id-difiża tellgħet lis-Sur Ray Grech tas-Sedqa li qal li l-imputat kien qed jagħmel progress kbir u li William Mercieca li nnega li kien xtara xi droga mingħand l-imputat (fol 68).

A fol 69, William Mercieca xehed li 'dak inhar id-droga kien ġabha Joseph Christie u minn fejn xtraha, jiena ma nafx.' Id-difiża tellgħet ukoll lil Jason Caruana li nnega li qatt ra lil Joseph Christie jixtri d-droga (fol 72).

Xehdet ukoll Nicky Scicluna tas-Sedqa li qalet li l-imputat kien għamel progress kbir għax qabel kellu problema tad-droga akuta.

Ikkonsidrat.

Li x-xhieda mogħtija minn William Mercieca u Jason Caruana kemm meta dawn xehdu għall-prosekuzzjoni kif ukoll meta xehdu għad-difiża hija għal kollox inattendibbli għaliex ix-xhieda ma kienux qed jgħidu l-verita'.

Il-Qorti ssib il-verżjoni ġuramentata ta' Christie quddiem il-Maġistrat Inkwerenti hija veritjiera u tistabilixxi b'mod ċar il-fatti kif ġraw.

F'kawża oħra dan l-istess Christie kien ittella' jixhed u seta' jsirlu il-kontro eżami. F'dan il-każ iżda x-xhud ma kienx prodott biex jixhed għax probabbli kien laħaq miet.

Għalkemm ix-xhieda mogħtija minnn Christie hija valida ai finijiet tal-Kap 101, dan ix-xhud qatt ma ta l-verżjoni viva voce u d-difiża ma kellhiex ċans tagħmel il-kontro eżami.

Għal hekk il-Qorti ma għandhiex quddiemha provi l'hemm minn kull dubju li l-imputat huwa ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

It-tielet imputazzjoni awtomatikament ma tissustix ġaladarba l-ewwel u t-tieni imputazzjoni mhux ippruvati.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), 22(1B) tal-Kap 101 u r-Regolament 4 u 9 tal-GN 292/1939 u 40 u 50 tal-Kap 9, qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------